MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Numru 267/1995

IL-PULIZIJA
(SPETTUR ALFRED MALLIA)

VS

RAYMOND ZAMMIT

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-imputat u dan talli fit-12 ta' April 1995 ghal habta ta' xi 6.30 a.m. gewwa Xatt ir-Risq il-Birgu:

a) Kiser il-paci pubblika u l-bon ordni bl-ghajjat u bil-glied;

b) Ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Saviour Scicluna mill-Birgu skond ma ccertifika t-tabib A Micallef MD tal-isptar san Luqa.

Il-Qorti giet mitluba biex barra mill-taghti l-piena stabbilta, meta jidhrila xieraq, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Saviour Scicluna jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubblika, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 5 tal-process li biha ta il-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi ttratat bi procedura sommarja.

Rat li l-istess imputat, waqt l-ezami tieghu, iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi ttratat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fit-12 ta’ April 1995 ghall-habta tat-8.00 am Saviour Scicluna il-‘parti lesa’ kien ghamel rapport fl-ghassa tal-pulizija ta’ Bormla, dwar l-incident in ezami li kien jinvolvi kollizjoni bejn zewg vetturi appartenenti rispettivament lill-istess parti lesa u lill-akkuzat, l-allegata aggressjoni bl-idejn da parti tal-akkuzat lill-istess parti lesa, kif ukoll xi kliem mhux xieraq. Waqt l-incident, l-istess Saviour Scicluna kien mar fil-Poliklinika tal-lokalita u fl-isptar san Luqa u kienu nhargu zewg certifikati medici (ara fol 16A u 16B tal-atti). In rigward l-istess incident, l-akkuzat kien gie interrogat mill-pulizija u rrilaxxa l-istqarrija bil-miktub annessa a fol 17 ibid kif ukoll dik addizzjonali a fol 19 ibid (ara infra).

In oltre, in vista li l-akkuzat kien allega li kellu xi griehi, wara l-ezami relattiv kien gie rilaxxat l-anness certifikat mediku anness a fol 21 ibid (Dwar il-premess ara x-xhieda tal-ispettur Anthony Polidano a fol 13 et seq ibid)

Ikkunsidrat

Illi l-istess Saviour Scicluna (fol 32 u fol 39 et seq ibid) spjega li fil-gurnata in kwistjoni, wara is-6.15 am kien ha l-karozza tieghu fix-xatt tal-Birgu sabiex jahsilha. Hawnhekk, kif kien qed jindjetregga l-istess karozza, fi kliemu stess ".. ..hbatna, fis-sens li l-akkuzat dahal go fija bil-karozza li kien qed isuq hu". Wara xi kliem bejnithom, fosthom kliem mhux xieraq, da parti tal-akkuzat, ix-xhud hareg ir-radio mill-karozza tieghu u kien sejjer sabiex isejjah il-pulizija fuq il-post tal-incident. Hawnhekk l-akkuzat kien qallu sabiex jghaggel u ghalhekk hu kien qal lill-akkuzat sabiex dan imur hu, minfloku, ghall-pulizija. Pero, l-akkuzat wara li neza l-gakketta "tani daqqa ta' sieq fuq wicci bhal tal-'karate'" u l-istess parti lesa intlaqat taht ghajnu l-leminija u fuq imniehru. Hawnhekk l-akkuzat harab minn fuq il-post, waqt li x-xhud gie gharkubtejh, mitluf xi ftit minn sensih. Hu spicca biex jghid li ma kienx ser jahfer lill-akkuzat ta' dak kollu li gara.

Ikkunsidrat

Illi meta gara dan l-incident, kien hemm presenti s-segwenti persuni li xehedu kif ser jinghad:

a) Kenneth Psaila (fol 43 et seq ibid) xehed li kien fl-istess karozza misjuqa mill-akkuzat meta gara l-incident stradali msemmi. Dan ix-xhud, fost affarijiet ohra, kien xehed li Saviour Scicluna kien "gibed wahda" lejn l-akkuzat meta l-istess parti lesa kien sejjer sabiex igib il-pulizija fuq il-post. In oltre spjega wkoll li l-parti lesa gera "bir-rankatura" lejn l-akkuzat sabiex jiggieled u ra lill-akkuzat jaghmel is-'self defence' u it-tnejn bdew jiggieldu meta hu kien ra lill-parti lesa jaqa mal-art.

b) Alfred Mizzi (fol 46 et seq ibid) li kien wkoll fl-istess karozza tal-akkuzat spjega li l-akkuzat hu mizzewweg lil bintu u b’hekk ma xtaqx illi jixhed.

c) Ivan Zammit (fol 22 et seq ibid) hu l-istess akkuzat, kien ukoll fil-karozza tal-akkuzat u wara li xehed dwar kif sehhet il-habta bejn il-vetturi misjuqin rispettivament mill-akkuzat huh, u Saviour Scicluna, spjega li kemm huh kemm l-istess parti lesa hargu mil-karozzi rispettivi taghhom u fuq suggeriment tal-istess akkuzat, l-imsemmi Saviour Scicluna, wara li hareg ir-radio mill-karozza tieghu, beda jimxi bil-mod sabiex jinforma lill-pulizija dwar l-akkadud. Meta ra hekk, l-akkuzat qal lill-iehor sabiex jghaggel minhabba raguni ta’ xoghol. Hawnhekk skond l-istess xhud, Saviour Scicluna gibed wahda “ossija dagha u gera, waqt li kien irrabjat, fid-direzzjoni tieghu u tal-ohrajn”. Ghalhekk fi kliemu stess “.. .. hija ddefenda ruhu” billi hu wkoll gera fid-direzzjoni tal-parti lesa. Fil-fatt huh tajjar ir-radio minn idejn dan u t-tnejn bdew jaghtu lil xulxin b’idejhom. Ghalhekk hu intervena sabiex iferraqhom u kif dan sehh, Saviour Scicluna telaq jigri ‘l hemm. Waqt l-istess glieda, skond l-istess xhud, ma kienx ra lil huh jaghti xi daqqa lill-iehor. Inoltre fil-kontro ezami hu semma dettal li ma kienx accenna ghalih waqt l-ezami cioe li Saviour Scicluna beda “ .... ixejjer bil-casette fid-direzzjoni ta’ hija.. .. izda ma laqtux” Fl-ahhar nett ma setax jghid ghaliex Saviour Scicluna kellu ferita fuq ghajnu waqt li in rigward l-akkuzat hu qal “ ma hux suppost li hija wegga waqt l-incident in ezami”.

Ikkunsidrat

Illi kif diga intqal, a fol 16A u 16B, jinsabu zewg certifikati medici, vis-a-vis l-istess parti lesa, it-tnejn bid-data ta-12 ta’ April 1995. In rigward dak anness a fol 16A Dottor Adrian Micallef (fol 51 et seq ibid) spjega li kien hu li effettivament ezamina lill-parti lesa u kkonferma l-kontenut tal-istess certifikat avolja dan kien iffirmat minn tabib iehor. Dan it-tabib ikkonferma li Saviour Scicluna kellu ferita f’imniehru deskritta minnu bhala gravi. Pero meta l-istess parti lesa kien gie sussegwentement ezaminat minn Dottor Mario Said (fol 59 et seq ibid) dan issottometta li l-

ferut kellu ksur fl-ghadam ta' imniehru kkagunat minn xi daqqa, liema ksur gie, permezz ta' intervent kirurgiku zghir, "reduced". Fil-fehema tal-istess tabib, tali ferita kienet <u>wahda ta' natura hafifa</u> salv "konsegwenzi". In rigward dan, ix-xhud semma li kien jaf li l-istess Saviour Scicluna kien, precedentement, anzi sena qabel dan l-incident, issottometta ruhu ghal intervent kirurgiku ta' natura kosmetika dejjem f'imniehru u ta' dan kien ra evidenza li kien gie operat fl-istess imnieher izda ma kienx ra xi sfregju. Fl-atti jinsab certifikat iehor mahrug mill-'Ophtalmic Outpatients' tal-isptar san Luqa, vis-a-vis l-istess Saviour Scicluna izda minn tabib li ma giex prodott sabiex jixhed. In rigward il-feriti hemm deskritti, dawn gew klassifikati bhala <u>hfief</u>.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>akkuzat</u> kien xehed <u>'viva voce'</u> (fol 80 et seq ibid) kif ukoll irrilaxxa l-imsemmija stqarrijiet. Meta xehed, l-akkuzat spjega li meta gara l-incident in ezami hu kien 'depressed' u 'taht l-influwenza tal-alkohol" minhabba problemi familjari. In rigward dan hu kien taht kura psikjatrika. Waqt l-istess xhieda hu kkonferma il-kontenut tal-ewwel stqarrija tieghu li tinsab a fol 17 u 18 ibid. Fil-qasir hu stqarr li kien l-istess parti lesa li aggredih meta dan kien irrabjat u wara li dagha. Di fatti meta kien ra lill-iehor gej bil-girja ghal fuqu u b'casette f'idu, hu, l-istess akkuzat kien iddefenda lilu nnifsu b'idejh biss u ghalhekk kien tajjar l-istess casette minn idejn Saviour Scicluna. Minhabba hekk hu kien ta diversi daqqiet fuq wicc l-istess Scicluna.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi a bazi tal-provi kif esposti u prodotti mill-partijiet, il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti sottomessi mill-istess partijiet u konfliggenti bejnithom. Mill-istess provi jidher li l-akkuzat qed isostni li hu kien qed jagixxi "in legittima difesa" skond l-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali u dan in konnessjoni mal-akkuza talli fit-12 ta' April 1995 ghal habta ta' xi 6.30 a.m. gewwa Xatt ir-Risq il-Birgu ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Saviour

Scicluna mill-Birgu skond ma ccertifika t-tabib A Micallef MD tal-isptar san Luqa. Pero, f'dan ir-rigward ma jidhirx li b'dak sottomess mill-akkuzat jista jigi accettat. Difatti kif irrizulta mill-provi hawn fuq esposti, il-parti lesa kien qed jallontana ruhu mill-post tal-habta sabiex imur isejjah lill-pulizija sabiex tigi fuq il-post tal-habta. F'dan il-waqt l-akkuzat kien qal xi kliem lill-parti lesa u laqat lill-istess parti lesa kif diga gie spjegat, liema parti lesa ma kellux xi arma proprja jew improprja.

Bhala konsegwenza, dan sofra xi griehi ta' natura hafifa. In rigward dak li sostna l-akkuzat, gie esebit in atti certifikat mediku li jinsab a fol 21 tal-atti. Minn dan ic-certifikat li ma giex konfermat mit-tabib li rrilaxxah, jidher li l-akkuzat kien sofra biss xi kontusjonijiet fuq idu l-leminija, liema ferita certament ma hiex kompatibbli ma' persuna li giet aggredita u qed tiddefendi lilha nnifisha kif stqarr l-akkuzat.

Illi tenut kont ta' dak li gie premess, jidher car li effettivament kien l-akkuzat li aggredixxa lill-parti lesa bil-konsegwenzi kif deskritti.

Jigi nnotat li dwar in-natura tal-istess feriti, it-tobba li xehedu taw opinjoni konfliggenti bejnithom kif diga inghad. Minhabba hekk l-istess feriti ghadhom jigu kunsidrati bhala hfief.

Illi in rigward l-akkuza ta' ksur tal-bon ordni b'ghajjat u glied din irrizultat pruvata b'mod car u evidenti mill-istess provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-akkuzat mill-akkuza talli fit-12 ta' April 1995 ghal habta ta' xi 6.30 a.m. gewwa Xatt ir-Risq il-Birgu ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Saviour Scicluna mill-Birgu skond ma ccertifika t-tabib A Micallef MD tal-isptar san Luqa issib lill-akkuzat hati talli fit-12 ta' April 1995 ghal habta ta' xi 6.30 a.m. gewwa Xatt ir-Risq il-Birgu kiser il-paci pubblika u l-bon ordni bl-ghajjat u bil-glied kif ukoll ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Saviour Scicluna mill-Birgu.

Rat l-artikoli 221 (1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, in vista li sa dan l-incident, l-akkuzat li jidher li ghamel zmien taht kura psikjatrika, kellu fedina penali nadifa ghal kollox u b'hekk ghandu juzufruwixxi mill-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk minflok il-piena preskritta mill-ligi, il-Qorti tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien tlett xhur millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------